DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2362

tal-15 ta' Diċembru 2015

dwar eżenzjonijiet mid-dazju antidumping estiż fuq ċerti partijiet tar-roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97

(notifikata bid-dokument C(2015) 9049)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tal-10 ta' Jannar 1997 li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 fuq roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti partijiet ta' roti mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jimponi d-dazju estiż fuq dawn l-importazzjonijiet irreġistrati fir-Regolament (KE) Nru 703/96 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' whud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tad-dazju antidumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5, 7 u 10 tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Dazju antidumping bħalissa japplika fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' partijiet essenzjali ta' roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("id-dazju estiż") bħala riżultat tal-estensjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 71/97 ("ir-Regolament ta' estensjoni") tad-dazju antidumping fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("iċ-Ċina").

(2) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-estensjoni, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") tingħata s-setgħa biex tadotta l-miżuri meħtieġa biex tawtorizza l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-rota li ma jevitawx id-dazju antidumping.

(3) Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 88/97 ("ir-Regolament ta' eżenzjoni") li jistabbilixxi s-sistema ta' eżenzjoni speċifika.

(4) Fuq din il-bażi l-Kummissjoni eżentat għadd ta' persuni li jarmaw ir-roti mid-dazju estiż ("il-partijiet eżentati").

(5) Kif previst fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* listi suċċessivi tal-partijiet eżentati ([4]).

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni l-aktar reċenti dwar l-eżenzjonijiet skont ir-Regolament ta' eżenzjoni kienet adottata fis-16 ta' April 2014 ([5]).

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55.
([3]) ĠU L 17, 21.1.1997, p. 17.
([4]) ĠU C 45, 13.2.1997, p. 3, ĠU C 112, 10.4.1997, p. 9, ĠU C 220, 19.7.1997, p. 6, ĠU C 378, 13.12.1997, p. 2, ĠU C 217, 11.7.1998, p. 9, ĠU C 37, 11.2.1999, p. 3, ĠU C 186, 2.7.1999, p. 6, ĠU C 216, 28.7.2000, p. 8, ĠU C 170, 14.6.2001, p. 5, ĠU C 103, 30.4.2002, p. 2, ĠU C 35, 14.2.2003, p. 3, ĠU C 43, 22.2.2003, p. 5, ĠU C 54, 2.3.2004, p. 2, ĠU C 299, 4.12.2004, p. 4, ĠU L 17, 21.1.2006, p. 16, u ĠU L 313, 14.11.2006, p. 5, ĠU L 81, 20.3.2008, p. 73, ĠU C 310, 5.12.2008, p. 19, ĠU L 19, 23.1.2009, p. 62, ĠU L 314, 1.12.2009, p. 106, ĠU L 136, 24.5.2011, p. 99 ĠU L 343, 23.12.2011, p. 86, ĠU L 119, 23.4.2014, p. 67.
([5]) ĠU L 119, 23.4.2014, p. 67.

(7) Barra minn hekk, wara l-iskrinjar mibdi mill-Avviż tal-Kummissjoni 2014/C-299/08 ([1]) il-Kummissjoni aġġornat il-lista ta' partijiet eżentati permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/831 ([2]).

1. **TALBIET GĦAL EŻENZJONI**

(8) Il-Kummissjoni rċeviet mill-Partijiet elenkati fit-Tabelli 1, 2 u 4 hawn taħt it-talbiet għal eżenzjoni bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddetermina li dawn kienu ammissibbli skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni.

(9) Dawn il-Partijiet ingħataw possibbiltà li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-ammissibbiltà tat-talbiet tagħhom.

(10) Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talbiet minn dawn il-Partijiet, il-pagament tad-dazju estiż fir-rigward ta' kull importazzjoni ta' partijiet essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn dawn il-Partijiet ġie sospiż mid-data li fiha l-Kummissjoni rċeviet it-talbiet tagħhom.

2. **AWTORIZZAZZJONI TAL-EŻENZJONIJIET**

(11) L-eżami tal-mertu tat-talbiet mill-Partijiet elenkati fit-Tabella 1 ġiet konkluża.

Tabella 1

Isem	Indirizz	Pajjiż	Kodiċi addizzjonali TARIC
c2 g-engineering GmbH	Schlesische Straße 27, DE-10997 Berlin	Il-Ġermanja	B934
Solo International Oy	Pyyntitie 1 B, FI-02230 Espoo	Il-Finlandja	B940
Planet X Ltd	Unit 6, Ignite Business Park, Magna Way, Rotherham GB-S60 1FD	Ir-Renju Unit	A995
Longway Poland Sp. z o.o.	ul. Parzniewska 4a, PL-05-800 Pruszków	Il-Polonja	B935
BBF Bike GmbH	Carena Allee 8, DE-15366 Hoppegarten	Il-Ġermanja	B936

(12) Matul l-eżami l-Kummissjoni stabbilixxiet li l-valur tal-partijiet li joriġinaw fiċ-Ċina jikkostitwixxu inqas minn 60 % tal-valur totali tal-partijiet użati fl-operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' dawn il-partijiet.

(13) Konsegwentement, l-operat ta' assemblaġġ tagħhom jaqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

(14) Għal din ir-raġuni, u skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-partijiet elenkati fit-Tabella 1 għandhom jiġu eżentati mid-dazju estiż.

(15) Skont l-Artikolu 7(2), l-eżenzjonijiet tagħhom għandhom jibdew jgħoddu mid-data tal-wasla tat-talbiet tagħhom u, barra minn hekk, id-dejn doganali tagħhom fir-rigward tad-dazju estiż għandu jitqies null mill-istess data.

(16) Dawn il-Partijiet ġew infurmati bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-merti tat-talbiet tagħhom u ngħataw opportunità biex jikkummentaw fuqhom.

([1]) ĠU C 299, 5.9.2014, p. 7.

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/831 tat-28 ta' Mejju 2015 li jaġġorna l-lista ta' partijiet eżentati mid-dazju antidumping estiż fuq uħud mill-partijiet ta' biċikletti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 wara l-iskrinjar li beda permezz tal-Avviż tal-Kummissjoni 2014/C 299/08 (ĠU L 132, 29.5.2015, p. 32).

(17) Billi l-eżenzjonijiet se japplikaw biss għall-Partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella 1 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom, huwa meħtieġ li l-Partijiet eżentati jinnotifikaw lill-Kummissjoni ([1]) minnufih, dwar kwalunkwe bidliet għal dawn (pereżempju wara bidla fl-isem, forma ġuridika jew indirizz jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' assemblaġġ).

(18) F'każ bħal dan, il-Parti għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari dwar kull modifika fl-attivitajiet tagħha marbuta ma' operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni taġġorna r-referenzi għal tali parti.

3. ĊAĦDA TAT-TALBA GĦAL EŻENZJONI U T-TNEĦĦIJA TAS-SOSPENSJONI RELATATA

(19) L-eżami tal-mertu tat-talba mill-Parti elenkata fit-Tabella 2 ġiet konkluża.

Tabella 2

Isem	Indirizz	Pajjiż	Kodiċi addizzjonali TARIC
S.C EUROBIKE UNIVERSAL S.R.L.	Str. Asociației, nr. 4, Moviliṭa, Ialomiṭa	Ir-Rumanija	B941

(20) Il-Kummissjoni matul dan l-eżami stabbilixxiet li l-valur tal-partijiet tar-roti li joriġinaw fiċ-Ċina kien jikkostitwixxi iktar minn 60 % tal-valur totali tal-partijiet użati fl-operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' din il-parti, filwaqt li l-Parti ma wrietx li l-valur miżjud tal-partijiet li ddaħħlu matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ, kien ikbar minn 25 % tal-ispejjeż tal-manifattura.

(21) B'konsegwenza ta' dan, l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' din il-Parti jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u l-kriterji għal eżenzjoni mhumiex issodisfati.

(22) Fuq din il-bażi u skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-Kummissjoni jkollha tiċħad it-talba ta' din il-Parti u tneħħi s-sospensjoni tal-pagament tad-dazju estiż imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' eżenzjoni.

(23) Konsegwentement, id-dazju estiż għandu jinġabar mid-data tal-wasla tat-talba għal eżenzjoni mressqa minn din il-Parti; din hija d-data li fiha daħlet fis-seħħ is-sospensjoni.

(24) Din il-parti ġiet infurmata bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-mertu tat-talba tagħha u ngħatat opportunità biex tikkummenta fuqhom. Ma sar l-ebda kumment qabel l-iskadenza.

(25) Dak li ngħad fil-premessi preċedenti ma jeskludix l-applikazzjoni ta' eżenzjoni soġġetta għall-kontroll tal-użu aħħari skont l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' eżenzjoni.

4. AĠĠORNAMENT TA' REFERENZI GĦAL PARTI EŻENTATA

(26) Il-Parti eżentata elenkata fit-Tabella 3 ppreżentat ruħha u infurmat lill-Kummissjoni li l-forma ġuridika u l-isem tagħha nbidlu. Il-Kummissjoni, wara li eżaminat l-informazzjoni mressqa, ikkonkludiet li dawn il-bidliet bl-ebda mod ma jaffettwaw l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' eżenzjoni.

(27) Filwaqt li l-eżenzjoni ta' din il-Parti mid-dazju estiż awtorizzat skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni tibqa' mhux affettwata, ir-referenzi għal din il-parti għandhom jiġu aġġornati.

([1]) Il-partijiet huma rrakkomandati li jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu.

Tabella 3

Ir-referenza ta' qabel	Ir-referenza l-ġdida	Kodiċi addizzjonali TARIC
S.N.C. Cicli Olympia di Pasquale e Antonio Fontana & C. Via Galileo Galilei 12/A, IT-35028 Piove di Sacco (PD), l-Italja	L-isem u l-forma ġuridika tal-kumpanija nbidlu għal "Cicli Olympia S.r.l"	A167

5. **SOSPENSJONI TAL-PAGAMENTI TAD-DAZJI GĦAL PARTIJIET LI QED JIĠU EŻAMINATI**

(28) L-eżami tal-mertu tat-talba mill-Partijiet elenkati fit-Tabella 4 jinsab pendenti. Sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talbiet mingħand dawn il-Partijiet il-pagament tad-dazju estiż minn dawn il-Partijiet huwa sospiż.

(29) Billi l-eżenzjonijiet japplikaw biss għall-Partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella 4 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom, huwa meħtieġ li dawn il-Partijiet jinnotifikaw lill-Kummissjoni ([1]) minnufih, dwar xi bidla għal dawn (pereżempju wara bidla fl-isem, forma ġuridika jew indirizz jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' assemblaġġ).

(30) F'każ bħal dan, il-Parti għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari dwar kull modifika fl-attivitajiet tagħha marbuta ma' operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni taġġorna r-referenzi għal tali parti.

Tabella 4

Isem	Indirizz	Pajjiż	Kodiċi addizzjonali TARIC
In Cycles — Montagem e Comércio de Bicicletas Lda	Zona Industrial De Barrô Norte/Sul, N.º 976, Fracçao A/B e D, AP. 52, PT-3750-353 Barrô — Águeda	Il-Portugall	B960
PANEX DINAMIC d.o.o.	Dr.Tome Bratkoviča 1, HR-40000 Čakovec	Il-Kroazja	B963
CICLI EUROPA s.r.l.	34 Via portella Bifuto, IT-93017 San Cataldo (CL)	L-Italja	C001
OLYMPIQUE SARL	ZA Les Epalits, FR-42610 Saint-Romain-le-Puy	Franza	C002
Interbike Spólka z o.o.	ul. Śląska 6/5, PL-42-200 Częstochowa	Il-Polonja	C003
Kuisle & Kuisle GmbH	Füssener Straße 22 a, DE-87675 Stötten	Il-Ġermanja	C021
CycleSport North Ltd	363 Leach Place, Walton Summit Center, Preston, GB-PR5 8AS	Ir-Renju Unit	C049
Firma Handlowo-Usługowo-Produkcyjna "Trans-Rower" Roman Tylec	Dąbie 47, PL-39-311 Zdziarzec	Il-Polonja	C053

([1]) Il-partijiet huma rrakkomandati li jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Artikolu 2

Il-Partijiet elenkatati fit-Tabella 1 huma b'dan eżentati mill-estensjoni bir-Regolament (KE) Nru 71/97 tad-dazju antidumping definittiv fuq roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina impost mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 ([1]) fuq importazzjonijiet ta' ċerti partijiet tar-roti mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

L-eżenzjonijiet jidħlu fis-seħħ mid-dati tal-wasla tat-talbiet ta' dawn il-Partijiet. Dawn id-dati huma previsti fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

L-eżenzjonijiet japplikaw biss għall-Partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella 1 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom.

Il-Partijiet eżentati jinnotifikaw lill-Kummissjoni minnufih, b'kull tibdil f'dawn, waqt li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment dwar kull modifika fl-attivitajiet tal-Parti marbuta mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni.

Tabella 1

Il-Partijiet Eżentati

Isem	Indirizz	Pajjiż	Eżenzjoni konformi mar-Regolament (KE) Nru 88/97	Data tad-dħul fis-seħħ	Kodiċi addizzjonali TARIC
c2 g-engineering GmbH	Schlesische Straße 27, DE-10997 Berlin	Il-Ġermanja	L-Artikolu 7	16.12.2013	B934
Solo International Oy	Pyyntitie 1 B, FI-02230 Espoo	Il-Finlandja	L-Artikolu 7	26.7.2013	B940
Planet X Ltd	Unit 6, Ignite Business Park, Magna Way, Rotherham GB-S60 1FD	Ir-Renju Unit	L-Artikolu 7	7.2.2013	A995
Longway Poland Sp. z o.o.	ul. Parzniewska 4a, PL-05-800 Pruszków	Il-Polonja	L-Artikolu 7	16.12.2013	B935
BBF Bike GmbH	Carena Allee 8, DE-15366 Hoppegarten	Il-Ġermanja	L-Artikolu 7	14.1.2014	B936

Artikolu 3

It-talba għal eżenzjoni mid-dazju antidumping estiż ppreżentata mill-parti stabbilita fit-Tabella 2 b'dan qed tiġi miċħuda skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Is-sospensjoni tal-pagament tad-dazju antidumping estiż b'dan qed titneħħa għal din il-Parti skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 88/97, mid-data prevista fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 tat-8 ta' Settembru 1993 li jimponi dazju definittiv anti-dumping lejn il-Komunità ta' biċikletti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u jiġbor definittivament id-dazju proviżorju anti-dumping (ĠU L 228, 9.9.1993, p. 1).

Tabella 2

Il-parti li titneħħielha s-sospensjoni

Isem	Indirizz	Pajjiż	Tneħħija tas-sospensjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97	Data tad-dħul fis-seħħ	Kodiċi addizzjonali TARIC
S.C EUROBIKE UNIVERSAL S.R.L.	Str. Asociației, nr. 4, Movilița, Ialomița	Ir-Rumanija	L-Artikolu 7	26.7.2013	B941

Artikolu 4

Ir-referenzi aġġornati għall-Parti eżentata elenkati fit-Tabella 3 huma pprovduti fil-kolonna intitolata "Referenza ġdida". Il-kodiċijiet addizzjonali TARIC korrispondenti li qabel kienu attribwiti lil dawn il-Partijiet eżentati kif stipulat fil-kolonna intitolata "Kodiċi addizzjonali TARIC" jibqgħu l-istess.

Tabella 3

Parti eżentata li r-referenza għaliha tiġi aġġornata

Ir-referenza ta' qabel	Referenza ġdida	Pajjiż	Kodiċi addizzjonali TARIC	Data tad-dħul fis-seħħ
S.N.C. Cicli Olympia di Pasquale e Antonio Fontana & C. Via Galileo Galilei 12/A, IT-35028 Piove di Sacco (PD)	Cicli Olympia S.r.l. Via Galileo Galilei 12/A, IT-35028 Piove di Sacco (PD)	L-Italja	A167	1.1.2016

Artikolu 5

Il-Partijiet elenkati fit-Tabella 4 qed jiġu eżaminati skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Is-sospensjonijiet tal-pagament tad-dazju antidumping estiż skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 88/97 se jidħlu fis-seħħ mid-dati tal-wasla tat-talbiet ta' dawn il-Partijiet. Dawn id-dati huma previsti fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

Dawn is-sospensjonijiet japplikaw biss għall-Partijiet taħt eżami speċifikament imsemmija fit-Tabella 4 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom.

Dawn il-Partijiet jinnotifikaw lill-Kummissjoni minnufih, b'kull tibdil f'dawn, waqt li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment dwar kull modifika fl-attivitajiet tal-Parti marbuta mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' sospensjoni.

Tabella 4

Il-partijiet li qed jiġu eżaminati

Isem	Indirizz	Pajjiż	Sospensjoni konformi mar-Regolament (KE) Nru 88/97	Data tad-dħul fis-seħħ	Kodiċi addizzjonali TARIC
In Cycles — Montagem e Comércio de Bicicletas Lda	Zona Industrial De Barrô Norte/Sul, N.º 976, Fracçao A/B e D, AP. 52, PT-3750-353 Barrô — Águeda	Il-Portugall	L-Artikolu 5	2.5.2014	B960
PANEX DINAMIC d.o.o.	Dr.Tome Bratkoviča 1, HR-40000 Čakovec	Il-Kroazja	LArtikolu 5	13.8.2014	B963
CICLI EUROPA s.r.l.	34 Via portella Bifuto, IT-93017 San Cataldo (CL)	L-Italja	L-Artikolu 5	10.9.2014	C001
OLYMPIQUE SARL	ZA Les Epalits, FR-42610 Saint-Romain-le-Puy	Franza	L-Artikolu 5	28.10.2014	C002
Interbike Spólka z o.o.	ul. Śląska 6/5, PL-42-200 Częstochowa	Il-Polonja	L-Artikolu 5	18.12.2014	C003
Kuisle & Kuisle GmbH	Füssener Straße 22 a, DE-87675 Stötten	Il-Ġermanja	L-Artikolu 5	17.2.2015	C021
CycleSport North Ltd	363 Leach Place, Walton Summit Center, Preston, GB-PR5 8AS	Ir-Renju Unit	L-Artikolu 5	27.4.2015	C049
Firma Handlowo-Usługowo-Produkcyjna "Trans-Rower" Roman Tylec	Dąbie 47, PL-39-311 Zdziarzec	Il-Polonja	L-Artikolu 5	1.7.2015	C053

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lill-partijiet elenkati fl-Artikoli 2, 3, 4 u 5. Hija wkoll ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni

Cecilia MALMSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni